**1 ta' Marzu, 1988**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Hugh W. Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S. – President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Salvatore Guillaumier *noe*

*versus*

Anthony Borg Cardona

## Appalt – Responsabbilità ta' l-Appaltatur

*Kawża fuq appalt. Apparti l-mertu fattwali, ir-rilevanza prinċipali hija r-riflessjoni u insenjament tal-Qorti ta' l-Appell illi hija ġurisprudenza paċifika in materja l-appaltatur huwa dejjem responsabbli li jipprovdi opra sodisfaċenti u obbligat jirreżisti kwalunkwe intromissjoni tal-komittent.*

*Fil-każ, il-Qorti ta' l-Appell sabet illi x-xogħol kien difettuż u rrevokat is-sentenza ta' l-ewwel Qorti u lliberat lill-konvenut mill-osservanza tal-ġudizzju.*

Il-Qorti: –

Rat iċ-ċitazzjoni ppreżentata quddiem il-Qorti tal-Kummerċ li biha l-atturi ppremettew illi peress illi s-soċjetà attriċi fuq inkariku tal-konvenut għamlet xogħol u forniet materjal lill-konvenut; u illi, wara li jitnaqqsu xi pagament in akkont illi saru, il-konvenut baqagħlu jħallas lis-soċjetà attriċi l-bilanċ ta' mitejn sitta u disgħin lira u tmenin ċenteżmu (Lm296.80) kif jidher aħjar mill-annessi *statement* u *invoices* (Dokumenti A, B, Ċ u D) u kif jiġi ppruvat ukoll matul it-trattazzjoni tal-kawża u talbu għar-raġunijiet premessi li dika l-Qorti tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-atturi *nomine* s-somma ta' mitejn u sitta u disgħin lira u tmenin ċenteżmu (Lm296.80) bilanċ ta' somma akbar rappresentanti prezz ta' xogħol u materjal fornit minnhom lill-konvenut kif qabel spjegat, – bl-ispejjeż inklużi dawk ta' l-ittra interpellatorja tal-21 ta' Settembru 1978 u bl-imgħaxijiet kummerċjali mill-10 ta' Diċembru 1976 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li huwa nġunt minn issa għas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha eċċepixxa (1) illi qabel xejn l-atturi kellhom jindikaw fil-kawżali x'inhija

n-natura tax-xogħol u materjal li tiegħu qegħdin jitolbu l-ħlas; (2) illi mingħajr preġudizzju tal-premess l-azzjoni hija intempestiva peress li x-xogħol li għamlu l-atturi huwa difettuż u għalhekk qabel ma jiġu rrimedjati dawn id-difetti ma jistgħux jesiġu il-bilanċ mitlub;

Salv eċċezzjonijiet oħra;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ fit-8 ta' Novembru 1985 li biha laqgħet it-talba ta' l-atturi nomine limitatament għas-somma ta' Lm286.80c għar-raġunijiet imsemmija fiċ-ċitazzjoni u bl-imgħaxijiet mitluba, – l-ispejjeż taħt iċ-ċirkostanzi jitħallsu mill-partijiet skond ir-rebħ u telf tagħhom, u dana wara li kkunsidrat li:

Jidher mill-provi li l-konvenut qed jibbaża l-eċċezzjoni tiegħu fuq kwistjonijiet u xogħol difettuż li seta' kien hemm fir-*rolling shutters*. L-*invoice* li tirrigwarda s-*supply and installation* tal-*PVC rolling shutters* hi dik esebita bħala Dok. D nru 4834, a fol. 7 tal-proċess. Din l-*invoice* ġiet imħallsa *in toto* mingħajr ilmenti mill-konvenut, *cash* u li tagħha ħarġet *receipt* R/3084. Kwindi għalhekk fuq din il-materja ma jidhirx li jista' jkun hemm pretensjonijiet aktar da parti tal-konvenut. L-uniċi difetti li jidher li għandhom jiġu kkunsidrati u li għandha titnaqqas somma għar-rimedju ta' l-istess huma dawk indikati mill-perit u qegħdin jinsabu fix-xogħoil sussegwenti. Dawn qegħdin imsemmija fil-paragrafu 14 u 15 tar-relazzjoni fol. 83 tal-proċess u l-ammonti huma Lm6 rigward difetti fit-twieqi u Lm4 f'xi bibien – b'kollox Lm10. Kwindi għalhekk mis-somma pretiża mill-atturi trid titnaqqas is-somma ta' Lm10. *Del resto* l-konvenut ma ilmenta xejn *a tempo giusto* dwar ir-*rolling shutters* u ħallas il-prezz tagħhom *in toto;*

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut ippreżentata fil-15 ta' Novembru 1985;

Rat il-petizzjoni ta' l-appell tal-konvenut ippreżentata fit-28 ta' Novembru 1985 li biha għar-raġunijiet hemm esposti talab li s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ fuq imsemmija fil-kawża fl-ismijiet premessi tiġi revokata billi jiġu milqugħa l-eċċezzjonijiet *tal-konvenut u miċħuda t-talba ta' l-attur nomine* bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tiegħu;

Rat l-atti l-oħra rilevanti u opportuni;

Ittrattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Il-konvenut appellant qiegħed jissottometti bħala aggravju l-fatt illi l-ewwel Qorti kkunsidrat bħala separati l-ordni dwar ir-*rolling shutters* u l-ordni dwar l-aperturi ta' l-*aluminium* mentri, skond hu, l-ordni kienet waħda u l-ħruġ ta' *invoices* u pagamenti separati ma jirriduċux kuntratt wieħed f'diversi kuntratti;

F'dan ir-rigward jirriżulta mill-provi li kienet oriġinarjament saret laqgħa bejn il-konvenut appellant u r-rappreżentanti tal-kumpanija attriċi fejn il-konvenut kien spjegalhom xi jrid. Skond l-istess konvenut appellant huwa wera l-pjanti li jindikaw il-kostruzzjoni tal-villa tiegħu u talab stima tax-xogħlijiet. Fi kliem l-istess konvenut appellant: "Aħna bqajna li nerġgħu nitkellmu wara li jibagħtuli l-istima", kliem dawn li ovvjament juru li dik in-nhar ma ġie xejn konkluż bejn il-kontendenti;

*Omissis;*

L-imsemmija provi, li l-Qorti indikat b'mod dettaljat, mela juru li nħarġu żewġ kwotazzjonijiet separati u kien hemm żewġ aċċettazzjonijiet separati. Juru wkoll li meta tħallset l-ewwel somma – dik ta' Lm590.73 – din tħallset a saldu ta' l-*invoice* Numru 4834 li kien jirrigwarda x-*shutters;*

Dawn ir-riżultanzi għall-ewwel donnhom jindikaw li l-partijiet riedu jżommu separati x-xogħol ta' l-aperturi ta' l-*aluminium* u x-xogħol tax-*shutters* iżda hemm ċirkostanza li timmilita kontra din il-konklużjoni u li toħroġ mill-istess ċitazzjoni. Infatti minn eżami taċ-ċitazzjoni u tad-dokumenti esibiti magħha, b'mod partikolari d-Dok. A a fol. 4 tal-proċess jidher li ċ-ċitazzjoni tirriferixxi globalment għax-xogħol kollu – dak relattiv għall-aperturi ta' l-*aluminium* u dak relattiv għax-*shutters* – u li fiha qed jintalab il-bilanċ tal-prezz ta' dan ix-xogħol kollu;

Il-kumpanija attriċi mela, għalkemm ħarġet kwotazzjonijiet u *invoices* separati, tidher li kompliet li tikkunsidra n-negozju li kellha mal-konvenut bħala *quid unum.* Dana huwa kkonfermat anke mill-atteġġjament tagħha fil-kors tal-kawża, almenu żgur sa l-aċċess *miżmum mill-perit ġudizzjarju* fl-4 ta' April 1980 meta l-konvenut indika l-ilmenti tiegħu dwar ix-*shutters.* Kieku verament il-kawża kienet limitata, kif qed tippretendi l-kumpanija attriċi, għax-xogħol ta' l-aperturi ta' l-*aluminium* billi x-xogħol tax-*shutters* kien ġie kkunsidrat bħala operazzjoni separata u tħallas, wieħed kien jistenna li l-kumpanija attriċi kienet toġġezzjona għall-imsemmija lmenti tal-konvenut appellant dwar ix-xogħol tax-*shutters* u tirrileva l-oġġezzjoni tagħha *f'dak l-istadju;*

Isegwi għalhekk li l-imsemmi aggravju tal-konvenut appellant huwa ġustifikat u l-*Qorti* għall-*finijiet ta'* din il-kawża u skond it-termini ta' l-istess ċitazzjoni, għandha tikkunsidra l-ilmenti tal-konvenut appellant dwar ix-xogħol **kollu** li sar mill-kumpanija attriċi, kompriż ix-xogħol tax-*shutters;*

Ikkunsidrat:

Il-konvenut appellant qiegħed jissottometti wkoll li l-azzjoni preżenti hija intempestiva fis-sens li l-kumpanija *attriċi* m'għandhiex dritt titħallas il-bilanċ dovut qabel ma tikkoreġi *d-difetti* li qiegħed jilmenta minnhom;

Jirriżulta mir-relazzjoni peritali (u l-Qorti ma tara l-ebda raġuni l-għala għandha tiddipartixxi *mill-konklużjoni peritali* f'dan ir-rigward) li (1) ix-xigħol tal-kaxxi tar-*roller shutters* ma ġiex esegwit korrettament skond in-normi funzjonali (2) li x-*shutter* tal-bieb tas-*sitting room* huwa difettuż fis-sens li jibqa' l-vojt u ma jagħlaqx tajjeb taħt il-blata, li l-erba' paletti t'isfel huma iqsar mill-bqija u li kultant jeħel maċ-*channels* vertikali waqt li wieħed ikun qed joperah (3) li jeżistu tlett itwieqi li l-qisien tagħhom jirriżultaw li huma barra mit-tolleranza permessa fuq dan it-tip ta' xogħol u (4) li hemm xi aġġustamenti minuri li għandhom isiru f'xi bibien u twieqi. Għall-imsemmija *nuqqasijiet* u difetti hija, fil-fehma tal-Qorti, responsabbli l-kumpanija attriċi *li ma tistax* taħrab mir-responsabbilità tagħha billi tallega li x-xogħol sar skond ma kien ordna l-konvenut appellant;

Apparti li din l-allegazzjoni hija kkontestata mill-konvenut appellant u *martu* u *apparti li hemm xogħol difettuż li*, kien x'kien l-ordni tal-konvenut appellant, ċertament ma jistax ikun

responsabbli għalih hu, jibqa' dejjem il-fatt li l-kumpanija attriċi tibqa' dejjem responsabbli billi, kif inhi ġurisprudenza paċifika in materja, l-appellant huwa dejjem responsabbli li jippresta opra sodisfaċenti u obbligat jirreżisti kwalunkwe intromissjoni tal-kommittent. (Kollez. Dec. Vol. XXV.I.727, Vella *vs* Agius, Imħallef L. Camilleri, 7 ta' April 1923; Vol. XXIX.II.1129, Falzon Muscat *vs* Sammut, 4 ta' Lulju 1936, Imħallef William Harding; Vol. XLII.II.1003, Antonio Pisani *vs* Carmelo Debattista, 8 ta' Mejju 1958, Imħallef Alberto Magri);

Il-perit ġudizzjarju qiegħed jissuġerixxi li in vista ta' l-imsemmija nuqqasijiet u difetti u biex jagħmlu tajjeb għalihom għandhom jiġu mnaqqsa s-somom ta' Lm90, Lm15, Lm16 u Lm4 rispettivament. Il-konvenut appellant qiegħed joġġezzjona għal dan is-suġġeriment peritali u qiegħed jibbaża din l-oġġezzjoni tiegħu fuq dak li ġie ritenut minn din il-Qorti fil-kawża "Anthony Agius *nomine vs Harold Bartoli" deċiża fit-23* ta' Mejju 1975;

Huwa ormai aċċettat mill-Qrati tagħna f'din il-materja li kull każ għandu jiġi kkunsidrat u deċiż fil-fattispeċje tiegħu partikolari sabiex wieħed jasal għal soluzzjoni ġusta tal-każ. Fil-każ preżenti jidher li n-nuqqasijiet u difetti li rriżultaw jaffettwaw b'mod estensiv ix-xogħol li sar, b'mod partikolari x-xogħol tax-*shutters,* u ma jistax jitqies li kienu b'xi mod *traskurabbli.* Għalhekk fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ il-Qorti hi tal-fehma li l-eċċezzjonijiet ta' l-intempestività tal-konvenut appellant timmerita li tiġi akkolta;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi billi tilqa' l-appell tal-konvenut appellant, tirrevoka s-sentenza appellata u minflok, stante intempestività, tillibera lill-konvenut appellant mill-

osservanza tal-ġudizzju, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi fiċ-ċirkostanzi tal-każ bla taxxa bejn il-partijiet, però d-dritt tar-Reġistru taż-żewġ istanzi għall-atturi *nomine*.